**6 ta' Marzu, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistro, LL.D.**

Paul Abela noe

versus

Philip Grima

**Preskrizzjoni (art. 2253 (h) Kodiċi Ċivili) — Bejgħ bl-ingrossa u bejgħ bl-imnut.**

*Jekk il-bejgħ isir f'partiti żgħar jaqa' taħt il-preskrizzjoni qasira ta' tmintax-il xahar, sia jekk isir minn neguzjant lid-dettaljatur sia jekk minn dan ta' l-aħħar isir lill-konsumatur.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallas lid-ditta attriċi s-somma ta' tletin lira għaxar xelini u disa' soldi (£30.10.9) prezz ta' merkanzija lilu mibjugħa u kkonsenjata (Dok. A) bl-imgħax legali tas-sitta fil-mija fis-sena (6% p.a.) mill-konsenja. Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar, 1962;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut li biha eċċepixxa (fol. 7) illi d-domanda hija preskritta (art. 2253 (h) Kodiċi Ċivili);

Omissis.

Tikkunsidra illi dan il-kont (fol. 13) bid-data tal-25 ta' Lulju, 1957 jirriferixxi għal tliet Cast Iron Rain Water pipes biż-żewġ liri (£2) il-waħda ċioè £6 u għal tnejn oħra danneġġjati bil-prezz it-tnejn ta' £1.17.0. — kollox £7.17.0;

Il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut hija ta' tmintax-il xahar ċioè dik li tirrigwarda l-azzjoni tal-kreditur għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbili, mibjugħa *bl-imnut (Art. 2253 (G)) Kodiċi Ċivili. Jekk il-merkanzija* mibjugħa lill-konvenut tista' tiġi konsiderata bħala mibjugħa bl-imnut mill-attur allura l-azzjoni hija preskritta għaliex il-bejgħ sar fil-25 ta' Lulju, 1957 u l-ittra uffiċjali interpellatorja saret f'Jannar, 1962. Kif osservat din il-Qorti in re Attard vs. Refalo 15 ta' Novembru, 1892 (Kollez. Vol. XIII paġina 294) "La legge non definisce i relativi concetti del grande e del piccolo commercio: del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto: u l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) in re Fenech vs. Galea 17 ta' Jannar 1912 (Kollez. Vol. XXI. PI Pagina 408) osservat illi jekk il-bejgħ isir f'partiti żgħar "soggiace alla prescrizione breve di diciotto mesi, sia che venga fatto dal negoziante al dettagliatore sia che da quest'ultimo si faccia al consumatore potendo darsi il caso che anche il grossista rivenda in qualche caso particolare la sua merce in dettaglio";

Fil-fehma tal-Qorti ħames katusi tal-ilma tax-xita mixtrija *mill-konvenut għall-bżonn tad-djar tiegħu, kif xehed il-konve*nut, jikkostitwixxi bejgħ bl-imnut anke jekk l-attur bħala regola ibiegħ bl-ingrossa u mhux bl-imnut, u għalhekk huma applikabbli proprju l-prinċipji stabbiliti fl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell Fenech vs. Galea, Kollez Vol. XXI. PI Pagina 408. A skans ta' ekwivoċi l-Qorti ma hix qiegħda tgħid illi wieħed ma' jistax jixtri bl-ingrossa anke jekk il-merkanzija sservi għall-bżonnijiet privati tiegħu u mhux għall-fini tan-negozju, imma qegħda tikkunsidra x-xiri ta' ħames katusi bħala xiri li jista' jsir minn kwalunkwe ħanut tad-dettaljaturi;

Għaldaqstant tiddeċiedi billi tilqa' l-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut bl-ispejjeż kontra l-attur, u konsegwentement tiċħad it-talba tal-attur kif ridotta, bl-ispejjeż kontra l-attur.